MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 571/2007

**MELITA MARINE LTD (C-24026)**

vs

Alberto **CADEDDU**, eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' *Nautica Assistance* ta' Via Seychelles, 1, Olbia, L-Italja

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-22 ta' Mejju, 2007, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

( i ) Taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

( ii ) Tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tlieta u sebgħin elf, seba’ mija u ħamsa u sittin euro u erbatax-il ċenteżmu (€73,765.14) tirrappreżenta flejjes jew titoli li jissarfu fi flus mgħoddijin lilu għal diversi investimenti marbutin ma’ attivita’ kummerċjali, bejn April tal-2004 u Frar tal-2007, liema attivita’ kummerċjali li kellha titwettaq taħt kumpannija li l-partijiet kellhom jiffurmaw bejniethom bl-isem ta’ “Nautica Assistance S.R.L.”, baqgħet ma seħħitx. Talbet ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-rikors ġew debitament notifikati lill-intimat skond ma jrid ir-Regolament ta’ Dritt Komunitarju rilevanti, li naqas li jidher meta ssejħet il-kawża u hekk baqa’ kontumaċi;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-Kontumaċja tal-intimat tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** tas-soċjeta’ attriċi u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ €73,765.14, fuq imsemmija, rappreżentanti flejjes avvanzati lill-imħarrek kif fuq ingħad, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mid-data ta’ kull trasferiment[1], sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

[1] Ara l-prospett f’paġ 114 tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------